**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TLETTAX (KONTINWAZZJONI)**

**4 ta' Ottubru, 2010**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis, il-Viċi Sindku David Dalli u l-Kunsilliera Anthony Mifsud Bonnici, Violet Bajada, Joan Farrugia, Marica Bayliss, Neville Mallia u Mikhail Micallef.

**APOLOĠIJI (Skont Ord Perm 14 (3))**

Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat tal-Kappara Dr Frank Bartolo avża li ġej tard minħabba xogħol (verbalment).

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis ippresjeda.

Is-Sindku ppropona li jiġi diskuss issa *item* numru 7 tal-aġenda.

**13.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Pagamenti**

13.7.1 Il-Kunsill kien ipprezentat bl-iskeda ta' pagamenti numerati 25, 26 u 27 kif ukoll talbiet ta' ħlas tal-kuntratturi *Emmanuel Farrugia*, *Paul Dimech*, *Twish Co. Limited* u *Sammy Borg Enterprises Limited* għas-servizzi tagħhom matul ix-xahar ta' Settembru, 2010 u rimbors lil Kunsillier Violet Bajada, liema kopja ta' dawn id-dokumenti jinsabu mehmuża ma' dawn il-Minuti bħala '13A' sa '13Ġ'.

13.7.2 Il-Viċi Sindku David Dalli daħal għal-laqgħa. (5.40pm)

13.7.3 Wara diskussjoni, saru kjarifiċi dwar xi deskrizzjoni ta' pagamenti pprezentati, kif ukoll dwar in-nefqa tal-Kumitat Amminsitrattiv tal-Kappara, l-ammont ta' *soft drinks* li qed jinxtraw u dwar is-servizz tal-*iscattered bulky*.

13.7.4 Kien deċiz li pagament numru 6 tal-iskeda numru 24 ma jiġix imħallas sakemm issir kjarifika dwaru.

13.7.5 Kien deċiż illi fir-rigward tas-*soft drinks* jingħata rendikont ta' sena sħiħa.

13.7.6 Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara daħal għal-laqgħa. (5.55pm)

13.7.7 Kien hemm qbil unanimu li ssir laqgħa nformali bejn il-Membri tal-Kunsill u dawk tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara nhar it-Tlieta 12 ta' Ottubru, 2010 fis-6 ta' filgħaxija.

13.7.8 Il-Kunsillier Rita Saliba ressqet din il-mozzjoni:

13.7.9 "*Il-Kunsill japprova l-iskeda ta' pagamenti numru 25, 26 u 27 kif imressqa għajr għal pagament numru 6 tal-iskeda numru 24, kif ukoll il-pagamenti dovuti lil kuntratturi għax-xahar ta' Settembru u li jlaħħqu għal € 20,560.82 kif ukoll ir-rimbors lil Kunsillier Violet Bajada għal ammont ta' € 188.90*."

13.7.10 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Violet Bajada u għaddiet unanimament.

13.7.11 Il-Viċi Sindku stqarr li l-approvazzjoni tiegħu hi b'riżerva għal kontijiet relatati mal-ġbir tal-*iscattered bulky refuse*.

13.7.12 Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel li issa jgħaddi għat-tieni *item* fuq l-aġenda.

## 13.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku

13.2.1 Il-Kunsill kien infurmat b'diskussjoni li kienu saru mal-MRRA sabiex isir restawr tal-makkinarju tal-mitħna ta' taħt l-art bil-għan li flimkien mal-*IPSL* dan jitħaddem mill-ġdid kif ukoll kienet diskussa l-possibilita' ta' żvilupp taż-żona fuq is-*silos* u l-bdil tal-bieb ewlieni.

13.2.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jidħol għad-devoluzzjoni tal-art ta' fuq is-*silos*.

13.2.3 Is-Sindku għarraf lil Kunsill li x-xogħlijiet kollha se jsiru mill-Ministeru u li se ssir applikazzjoni mal-MEPA f'isem il-Kunsill, fejn jista' jirriżulta li jkun hemm ħlas addizjonali għal applikazzjoni mill-MEPA.

13.2.4 Il-Kunsil kien infurmat li kien ingħata € 14,131 għal iskema ta' korsijiet *Lifelong Learning* u li kien hemm ammont kbir ta' applikazzjonijiet u għaldaqstant dan it-taħriġ irid isir fl-Iskola Primarja.

13.2.5 Is-Sindku għarraf lil Kunsill li r-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena kien għadu kif tħejja u li dan juri li l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill sa tmiem ix-xahar ta' Ġunju, 2010, u li kienet kompliet tjiebet fejn l-iżbilanċ naqas għal € 55,148.

13.2.6 Fir-rispett ta' talba minn *St Michael School* dwar il-ġbir tal-iskart, il-Kunsill innota li l-kuntratt tiegħu jeskludi mis-servizz l-iskejjel privati u għaldaqstant kien meħtieġ li din l-iskola tagħmel arranġamenti privati dwar il-ġbir ta' dan is-servizz.

13.2.7 Il-Kunsill kien infurmat li hekk kif avżat permezz ta' Memo 126/2010, il-Kunsill avża lid-Dipartiment li se ssir attivita' b'risq il-*Malta Community Chest Fund* fid-dati ndikati kif ukoll oħrajn f'Diċembru.

13.2.8 Is-Sindku għarraf lil Kunsill li minn 460 ittra li ntbagħtu lil komunita' kummerċjali, kienu biss 2 li rrispondew, fejn wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li jżomm laqgħa dwar dan is-suġġett fejn ingħatat indikazzjoni li jsir tiżjin fl-akwati tal-Knisja.

13.2.9 Il-Kunsill kien infurmat b'pendenza fir-rispett tal-ftehim tal-kuntratt ma' *Ability Productions*, u li kopja tiegħu hi anessa ma' dawn il-Minuti bħala '13Ħ'.

13.2.10 Wara kunsiderazzjoni tiegħu, u li dan jistipola li l-Kunsill ma joħroġx fondi minn tiegħu għal din il-pubblikazzjoni, kien hemm qbil unanimu li dan jidħol fis-seħħ.

13.2.11 Il-Kunsill kien infurmat dwar *soft area* fi Triq il-Baħar l-Iswed u li fiha palma kbira u li ma kienx konkluż ta' min hi din l-art u għalhekk kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jidħol għax-xogħlijiet ta' żbir ta' din il-palma.

13.2.12 Il-Kunsill wara li kkunsidra talba mingħand *VGB Wholesale Limited* dwar ħtieġa ta' *clearance* quddiem żewġ garaxxijiet minn tagħhom, qabel li l-ewwel u qabel kollox għandhom jitneħħew il-*bollards* u rampi tal-ħadid li tqedgħu fit-triq u wara l-Kunsill jirreferi t-talba lil *Transport Malta*.

13.2.13 Il-Kunsill kien infurmat bl-applikazzjonijiet tiegħu taħt l-iskema tal-attivitajiet għal ballu u karnival tar-rebbiegħa kif ukoll għal attivita' fiera tal-ġbejniet.

13.2.14 Il-Kunsill kien ukoll infurmat li se ssir applikazzjoni taħt l-iskema tal-isports u li għaliha qed jiġi propost li l-lokalita' tinbidel f'villaġġ sportiv.

13.2.15 Is-Sindku ppreżenta żewġ rapporti fir-rigward ta' informazzjoni mitluba dwar il-kont tal-*petty cash* u l-kredituri tal-Kunsill, fejn kien hemm qbil unanimu mal-proposta tas-Sindku li kull min hu interessat jara dawn ir-rapporti se jkunu għad-disponibilita' tagħhom.

13.2.16 Il-Kunsill iddiskuta l-possibilita' li ssir applikazzjoni għar-restawr tal-Kappella ta' San Ġwann ta' l-Għargħar taħt il-*precall* għal applikazzjonijiet taħt fondi tal-Unjoni Ewropeja.

13.2.17 Il-Kunsill kien infurmat b'tentattivi li qed isiru sabiex issir applikazzjoni għal fondi mill-Unjoni Ewropeja sabiex ikun iffinanzjat il-proġett tal-*archeological garden* fis-sit tal-*cart ruts*.

13.2.18 Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv kien skużat mil-laqgħa. (7.10pm)

13.2.19 Is-Sindku nforma lil Membri li l-art li l-Kunsill talab devoluzzjoni tagħha sabiex jinbena kumpless li jservi l-ħtiġijiet tal-komunita' ma kienx ser ikun possibli li jitwettaq u għaldaqstant kif kien ġie

diskuss saret laqgħa mal-Perit tal-Kunsill dwar ir-rikostruzzjoni tal-uffiċju amminsitrattiv preżenti.

13.2.20 Is-Sindku ppreżenta kwotazzjoni mgħoddija mill-Perit tal-Kunsill u li tlaħħaq għal € 3345, sabiex ikun jista' jsir id-disinn tal-post u l-konsultazzjoni meħtieġa dwaru fejn kien hemm qbil unanimu li jekk il-Kunsill ma jsibx art pubblika sabiex ikun jista' jwettaq dan il-proġett, għandu jipproċedi billi jikkumisjona d-disinn lil Perit tal-Kunsill.

13.2.21 Il-Kunsill kien infurmat li s-sejħa għall-offerti u l-kwotazzjonijiet kienet inħarġet u tagħlaq fid-19 ta' Ottubru, 2010.

13.2.22 Il-Kunsill kien infurmat bid-dikjarazzjoni li kienet iffirmata fil-konferenza miżmuma mill-*ECAD* u li għaliha kien rappreżentant permezz tal-Kunsillier Violet Bajada.

13.2.23 Il-Kunsill kien infurmat b'talba li saret sabiex grupp ta' zgħazagħ li jiffurmaw kumpanija taħt l-iskema *Young Enterprise* ikunu jistgħu jagħmlu użu mill-*board room* tal-Kunsill, liema talba kienet aċċettata.

13.2.24 Is-Sindku ssospenda l-laqgħa għal ħames minuti. (7.30pm)

13.2.25 Il-laqgħa tkompliet fis-7.35pm billi kien diskuss *item* numru 3 fuq l-aġenda.

**13.3 Rapport dwar id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Amministrattiv Kappara**

13.3.1 Il-Kunsill kien ippreżentat bir-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv dwar l-ewwel tliet laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara u li kopja tiegħu hi anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokument '13I'.

13.3.2 Ir-rapport kien ratifikat mill-Kunsill.

13.3.3 Il-Kunsill għadda għal *item* numru 5 fuq l-aġenda peress li *item* numru 4 kien ġie trattat f'laqgħa ad hoc minħabba l-urġenza tiegħu.

**13.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-*Contracts Manager***

13.5.1 Il-Kunsill innota r-rapporti tal-*Contracts Manager*, liema dokumenti jinsabu anessi bħala dokumenti '13J' u '13K' ma' dawn il-Minuti.

13.5.2 Il-Kunsill iddiskuta l-ħtieġa li jkun hemm *follow ups*, fejn bħala eżempju ssemma l-ittra li jiġu mibgħuta sabiex jinqatgħu siġar li jkunu ħarġu fi propjeta' pubblika.

13.5.3 Kien deċiż li dawn jibdew jiġu wkoll notifikati lil Pulizija sabiex tittieħed azzjoni jekk l-istruzzjonijiet tal-Kunsill ma jkunux ġew osservati.

**13.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Xogħlijiet u Attivitajiet**

13.6.1 Il-Kunsill approva l-pjanta u l-istima kif emendata għax-xogħlijiet tal-ġnien f'Misraħ Lewża li kien stmat għal € 8270.

13.6.2 Il-Kunsill kien infurmat li x-xogħlijiet ta' twaqqiegħ ta' ċint se jsiru mill-ħaddiema tal-*IPSL*.

13.6.3 Is-Sindku nforma lil Membri illi b'effett immedjat l-uffiċju li kien jintuża' mis-Sindku se jkun jista' jintuża mill-Kunsilliera kollha li jinkludi l-aċċess għal kompjuter u l-*printer*, fejn kien hemm qbil li jinxtara *laser printer*.

13.6.4 Il-Kunsill innota li hemm il-ħtieġa li l-kumpanija *GreenMT* tiġi notifikata dwar is-suġġeriment li kien għamel il-Kunsill fir-rigward ta' tqassim ta' kaxxa tal-kartun lil ħwienet sabiex jitpoġġa ħġieġ ġo fiha.

13.6.5 Kien hemm qbil unanimu li jsir qtugħ tal-ħaxix fit-toroq mhux urbani, liema xogħol kien taħt kwotazzjoni approvata lil kumpanija *Twish Co Ltd* u li magħhom għandha tiżdied parti minn Triq W. Apap u ma ssirx parti minn Triq V. Galea peress li din ma taqax taħt il-kompetenza tal-Kunsill.

13.6.6 Il-Kunsill kien infurmat kif ser issir sistema fejn isir riċiklaġġ u użu mill-bankiijiet li nqagħlu minn proġetti oħra, fejn kien imsemmi l-ħtieġa li jkunu nstallati wieħed fi Vjal in-Naspli u 2 fi Triq ir-Riġnu.

13.6.7 Kien ukoll approvat li jsir bdil fil-ħġieġ tal-bibien tal-latrina pubblika minħabba vandaliżmu li kien qed isir.

13.6.8 Il-Kunsill kien infurmat li se jsir manutenzjoni ta' diversi tabelli tat-traffiku.

13.6.9 Il-Kunsil ma qabilx ma proposta sabiex issir *sleeping policeman* fi Triq John F. Marks kantuniera ma' Triq il-Battaljun.

13.6.10 Fir-rigward ta' tiswija tat-toroq kien hemm qbil li l-Membri jgħaddu kull ħtieġa ta' xogħol lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex issir stima mill-*Contracts Manager*.

13.6.11 Fir-rigward ta' propjeta' fi Triq il-Mensija kantuniera ma' Triq Sant'Antnin kien hemm qbil li tiġi nfurmata l-Pulizija.

13.6.12 Wara diskussjoni dwar is-sistema tat-traffiku f'parti minn Triq San Ġuzepp **"~~ma~~"** kien~~x~~ hemm qbil li l-proposta tiġi mressqa lil *Transport Malta*.

**Emendata Laqgħa 14 kontinwazzjoni 2**

13.6.13 *Item* 13.7 kien diskuss fil-bidu tal-laqgħa.

**13.8 Data tal-laqgħa li jmiss**

13.8.1 Is-Sindku ħabbar li *item* numru wieħed tal-aġenda se jkun parti integrali tal-laqgħa li jmiss u li se ssir nhar it-Tnejn 18 ta' Ottubru, 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.

13.8.2 Il-laqgħa ntemmet fit-8.25pm.

Konfermati, illum **8 ta' Novembru** ~~Ottubru~~, 2010

________________________ ________________________

Etienne Bonello DuPius Adrian Mifsud
Sindku Segretarju Eżekuttiv